MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Numru. 970/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**MARISA KIND**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **MARISA KIND,** ta’ hamsa u erbghin (45) sena, bint Joseph u Monica xebba Borg, imwielda Attard nhar it-2 ta’ Frar 1968, residenti 103, Joe, Triq Depiro, Sliema u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 79268(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli nhar it-28 ta’ Settembru 2013 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li

gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Banka tal-Lottu 139, fi Triq San Zakkarija, l-Belt Valletta;

1. approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha minhabba l-professjoni, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghall-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Joseph Farrugia;

U aktar, talli nhar it-28 ta' Settembru 2013, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija u fis-sighat ta' wara, gewwa Triq San Zakkarija fil-Belt Valletta u gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta,

2. bil-qerq, holqot jew geghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;
3. Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
4. Halfet falz quddiem ufficjal li ghandu s-setgha b'ligi li jaghti gurament.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom att mill-estratt tat-twelid, tlett stqarrijiet rilaxxajti mill-imputata stess esebiti a fol. 9 et seq tal-atti, zewg dikjarazzjonijiet tar-rifjut u okkorrenza tal-pulizija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru 2013 fil-presenza ta-avukat difensur taghha u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti

m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghta zmien xieraq biex jekk riedet, setghat terga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Ottubru 2013.

Rat fil-verbal tat-2 ta’ Ottubru 2013 fejn Dr Joseph Mifsud ghan-nom tal-vittma Joseph Farrugia nforma lill-Qorti li l-patrocinat tieghu hafer lill-imputata u sahansitra anke xtaq li ma jittiehdux passi kriminali kontra taghha. Inoltre ddikjara li wasal fi ftehim mal-imputata li hi ghandha trodd lura l-flus liema flus is-Sur Farrugia ghandu jghaddi lil terzi.

Rat ukoll illi l-imputata talbet pre-sentencing report qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza. Il-Prosekuzzjoni ma kellha ebda oggezzjoni u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lid-Direttur tal-Probation u Parole jappunta probation officer ghal dan il-ghan. Il-Qorti ordnat li l-imputata titqieghed that *temporary supervision order* u ordnat lill-istess probation officer tiehu hsieb din l-ordni.

Rat in-nota tal-probation officer Antonella Spagnol datata 15 ta’ Ottubru 2013 fejn din infurmat il-Qorti li kienet giet nominata l-probation officer Joanna Farrugia sabiex tiehu hsieb dan il-kaz u cioe’ issegwi l-Ordni Provizorja ta’ Supervizjoni mahruga fit-2 ta’ Ottubru 2013 minn din l-istess Qorti.

Rat illi nhar il-21 ta’ Novembru 2013 dehret il-Probation Officer Joanna Farrugia u pprezentat il-pre-sentencing report taghha li gie mmarkat bhala dok JF. Dakinhar f’dik l-istess seduta l-Probation Officer xehdet u spjegat li l-imputata ikkollaborat bi shih maghha tul din l-Ordni ta’ Supervizjoni. Qalet li l-imputata kellha trobbija stabbli u ghandha l-familja naturali taghha u dik taz-zwieg li jaghtuha hafna support. Tenniet li l-imputata giet affettwata hafna b’dak li ghamlet u sahansitra anke talbet l-ghajnuna tal-*family therapist* Dr Charles Azzopardi.

Pero’ irrizulta li dan it-therapist ma hassx il-htiega li l-imputata ghandha tkompli tmur ghandu ghaliex fil-fehma tieghu l-familja taghha hija wahda stabbli u wahda li tista’ ittiha s-support kollu li ghandha bzonn.

Minn ezami tal-istess pre-sentencing report jirrizulta li l-imputata kellha trobbija normali u li ghandha support kbir mill-familja tant li iddiskrivewha bhala mara biezla u devota lejn il-familja u dak li ghamlet imur kontra l-karattru taghha. L-imputata ilha mizzewga ghal sebgha u ghoxrin sena u ghandha zewgt itfal li llum huma maggorenni. Tiddeskrivi l-hajja familjari taghha bhala wahda ta’ hena u hija unita hafna. Qalet li dan l-inkwiet fil-fatt issoda l-familja taghha u ma hemm bzonn l-ebda forma ta’ terapija.

Fir-rigward l-element ta’ xoghol tghid li l-imputata kellha biss zewg impiegi, wiehed gewwa fabbrika u l-iehor f’din il-banka tal-lottu fejn ilhja tahdem ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u baqghet tahdem hemm sakemm ikkommettiet ir-reati in desamina. Hija ghamlet xahar wieqfa u illum tahdem gewwa hanut.

Tispjega ulterjorment li l-fedina penali ta’ l-imputat hija wahda nadifa netta bla ebda reat jew kontravenzjoni registrat fuqha. Tghid li qatt ma kellha kuntatt ma xi agenzija Sedqa, Caritas jew Oasi. Hija fil-fatt talbitha sabiex tissottometti ruhha ghal ezami tal-urina u dan ta rizultat negattiv ghal prezenza ta’ kull tip ta’ droga.

Il-Probation Officer ghamlet ukoll kuntatt mal-vittma Joseph Farrugia u dan ikkonferma li effettivament l-imputata kienet ilha impjegata tieghu u kien jittrattha daqs li kieku kienet bintu. Qal li huwa hafrilha ta’ dak li ghamlet u li fil-fatt ghamel kuntratt maghha dwar kif kien ser jithallas lura u cioe’ li ghandha thallsu s-somma ta’ erba’ mitt ewro (€ 400) fix-xahar.

Fir-rapport taghha hija ghamlet numru ta’ rakomandazzjonijiet:

*"Mill-informazzjoni migbura jidher li l-imputata ghandha certu stabbilita' f'hajjitha fejn jidher li r-reat kien episodju uniku. Marisa Kind qieghda trodd lura l-flus lill-vittma, b'hekk l-element ta' kumpens mhuwiex qed jitqies necessarju u lanqas element ta' supervizjoni. B'hekk f'dan il-kaz qed jigi rakkomandat li l-imputata tinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skont l-Artiklu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn in-numru ta' sighat ta' xoghol ikun fil-minimu. L-ghan ta' dan huwa sabiex l-imputata taghti kumpens lis-socjeta' tad-danni li kkawzat b'ghemilha."*

Il-Qorti ghalhekk ezaminat l-atti kollha anke dawk kompilati mill-Probation Officer u rat b'mod partikolari li l-imputata hija *a first time offender* u li l-vittma hafrilha minnufih ta' dak li ghamlet u ghalhekk thoss li r-rakkomandazzjoni li ghamlet il-probation officer fir-rigward tal-imputata odjerna ghandha tigi misthoqqa.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tordna li l-ħatja MARISA KIND titqiegħed taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità. F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunità huwa meħtieġ li l-ħati tagħmel xogħol bla ħlas jew xogħol bla ħlas u taħriġ, kif rakkommandat fir-rapport rilaxxjat mill-istess Proation Officer fuq imsemmija  u dan ghall-perijodu ta' erbghn siegha  kif  qed jigi speċifikat fl-ordni.**

**Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-ħatja tonqos li tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, il-ħatja tkun tista' tinghata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Ai termini tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hatja, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Kumunita' assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita'.**

**Il-Qorti spjegat l-importanza u tifsira ta' din is-sentenza lill-hatja.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------